MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2008

Mandat Numru. 860/2008/1

**Fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta’ Inibizzjoni fl-ismijiet:**

Noureddin Guma **HAMID**

**vs.**

**UFFIĊJAL PRINĊIPALI TA’ L-IMMIGRAZZJONI**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors imressaq minn Noureddin Guma Hamid fl-5 ta’ Ġunju, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, hu talab li din il-Qorti żżomm lill-intimat milli jiddeportah minn Malta peress li hu fi ħsiebu jressaq kawża kontra l-Bord ta’ l-Appelli għar-Rifuġjati biex jikkontesta d-deċiżjoni meħuda minn dak il-Bord fit-22 ta’ Mejju, 2008, u li biha t-talba tiegħu għal status ta’ rifuġjat kienet miċħuda;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Ġunju, 2008, li bih laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod provviżorju, ordnat in-notifika lill-intimat u appuntat is-smigħ tar-rikors għal-lum;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fit-13 ta' Ġunju, 2008, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra fisser għaliex it-talba tar-rikorrent ma kelliex tintlaqa';

Semgħet lir-rikorrent waqt is-smigħ tal-lum;

**Ikkunsidrat:**

Illi b'din il-proċedura, ir-rikorrent qiegħed jipprova jwaqqaf lill-intimat milli jneħħih minn Malta sabiex ikun f'qagħda li jiftaħ proċeduri f'Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili biex jattakka deċiżjoni amministrativa meħuda minn Bord Statutorju li biha ma ntlaqgħetx it-talba tiegħu għall-għoti ta' status ta' rifuġjat;

Illi l-intimat ma' ċaħadx li għandu fi ħsiebu li jneħħi lir-rikorrent minn Malta. Dan qiegħed jingħad għall-finijiet ta' l-artikolu 873(3) tal-Kap 12;

Illi l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli li tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[1];

Illi bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[2]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

[1] Art. 873(1) tal-Kap 12

[2] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

Illi, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[3];

Illi minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[4]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[5] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għamil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

Illi, f'dan ir-rigward, il-liġi llum (b'seħħ minn Ottubru tal-2006), m'għadhiex titkellem dwar preġudizzju "li ma jkunx

[3] Art. 875(3) tal-Kap 12
[4] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[5] Art. 873(3) tal-Kap 12

jista’ jiġi rimedjat” bħala l-bażi tal-ilqugħ ta’ talba għall-ħruġ tal-Mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun sproporzjonat. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil;

Illi, meta jitqiesu ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ (għall-anqas kif jidhru mill-atti mad-daqqa t’għajn), il-Qorti tasal għall-fehma li ma hix soddisfatta li, jekk kemm-il darba ma tintlaqax it-talba tar-rikorrent, il-preġudizzju li jista’ jġarrab ikun spoporzjonat meta mqabbel mad-deportazzjoni nnifisha. B’mod partikolari, ir-rikorrent ma weriex kif it-tneħħija tiegħu minn Malta ser iżommu milli jerġa’ jiġi lura, bħalma jidher li diġa seħħlu jagħmel qabel din id-darba. L-istess ħaġa tista’ tingħad dwar il-jedd tiegħu li jressaq il-kawża li jrid, bil-ħatra tal-persuna li tista’ tidher għalih skond il-liġi;

Illi, għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li ma jeżistux l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li tħassar “*contrario imperio”* d-degriet tagħha tal-5 ta’ Ġunju, 2008, sa’ fejn laqgħet it-talba b’mod provviżorju;

Tiċħad it-talba tiegħu għall-ħruġ tal-Mandat, bl-ispejjeż kontrih.

Mogħti kameralment illum, 19 ta’ Ġunju, 2008

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------